# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 277/2018

**Il-Pulizja**

**Spettur PierGuido Saliba**

**vs**

**Ludwig Dimech**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Ludwig Dimech detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 135683M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Jannar, 2018 ghall-habta tas-06:00hrs fi Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LKL 111;

1. B'manjiera perikoluza;
2. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
4. u aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura numru ICA 742 u

involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Giovanni Bonano;

5. aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giovanni Bonano skont kif iccertifika Dr. Nihaal Shaikh MD mill-M.D.H;

6. aktar talli ghamel 'U-turn' f'post ipprojbit cioe fi triq maggura.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Gunju, 2018, li biha wara li ddikjarat illi ma kienx pruvat li l-parte civile sofra griehi [*recte:* offizi] gravi izda sabet lill-imputat responsabbli u wara li rat l-Artiklu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, Artikoli 328(d) u 226(1)(b) tal-Kap 9 u L.S. 65.05 Skeda Reg 2, Taqsima II Reg A(b), ikkundannatu ghal multa ta' €750 u skwalifika ta' hmistax mill-licenzji kollha tieghu;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ludwig Dimech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Gunju, 2018 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-imputat kien misjub mhux hati tal-ewwel, it-tielet, r-raba', l-hames u s-sitt imputazzjoni filwaqt li tirrevokaha f'dik il-parti li fiha nstab hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghas-sejbien ta' htija kwantu t-tieni imputazzjoni, dik ta' sewqan ta' vettura b'mod traskurat u l-appellant interpona il-gravam singolari tal-apprezzament zbaljat tal-provi u jressaq l-argument illi miz-zewg verzjonijiet opposti, dik tal-parte civile u dik tal-imputat, din tal-ahhar kienet aktar verosimili meta mqabbla mal-fatti;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, il-Qorti tinnota illi l-appellant qed jitlob konferma fl-imputazzjonijiet li dwarhom kien misjub mhux hati u jelenka l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames u s-sitt wahda. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat ikkonkluda li kien liberat minn dawn l-imputazzjonijiet meta s-sentenza appellata ma tghidx hekk. L-ewwel Qorti, anke jekk stranament, kkonkludiet illi "*fil-kamp kriminali, il-provi jridu jkunu ta' certu natura u f'dan il-kaz ma ntlahaqx il-livell ta' provi li l-injuries kienu ta' natura gravi*" u dan meta kien esebit certifikat mediku li juri li kien hemm frattura fil-parti tal-gisem tal-parte civile;

3. Dan l-iskolpament jidher li jirreferi ghall-hames imputazzjoni izda dwar dawk rimarrenti l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti mkien ma tiddikjara htija jew liberatorja. Ghall-ahjar

intendiment qed tkun riprodotta d-decizzjoni tal-ewwel Qorti fl-intier taghha wara r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet:

**Il-Qorti;**

**Rat l-imputazzjonijiet;**

**Semghet ix-xhieda;**

**Rat id-dokumenti u l-atti l-ohra**

**Il-Qorti rigwardanti jekk in-natura ta' l-injuries kienux gravi jew le tikkonstata illi fil-kamp kriminali, il-provi jridu jkunu ta' certu natura u f'dan il-kaz ma ntlahaqx il-livell ta' provi li l-injuries kienu ta' natura gravi.**

**Rigwardanti d-dinamika tal-incident mill-verzjoni stess ta' l-imputat li ma hax il-prekawzjonijiet ohra meta minimament qasam karreggjata opposta, tara li kien responsabbli ghal istess, u dan fi grad ta' traskurat u senjatament dan qed tghid stante d-dinamika kif sehh l-incident.**

**Fic-cirkostanzi wara li rat it-trattazzjoni u l-artikli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, Artikli 328(d) u 226(1)(b) tal-kap 9 u L.S. 65.05 Skeda Reg 2, Taqsima II Reg A(b), tikkundannah ghal multa ta' €750 u skwalifika ta' hmistax mill-licenzji kollha tieghu.**

4. Illi kif inhu minnufih evidenti, l-ewwel Qorti kkundannat lill-imputat ghal-hlas ta' multa €750 minghajr ma qabel ddikjarat htija f'xi wahda mill-imputazzjonijiet. Oltre minn hekk, l-artikoli tal-ligi minnha indikati jirreferu ghall-kull wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat meta fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti hi tenuta tindika l-artikoli tal-Kodici jew ta' xi ligi ohra li dwarhom qed tinsab htija. Dan johloq zewg diffikulatijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti difficilment tifhem kif l-appellant fehem li kien liberat mill-imputazzjonijiet

kollha hlief ghat-tieni wahda. Fit-tieni lok, is-sentenza tal-ewwel Qorti hi passibbli ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ghar-ragunijiet segwenti;

5. L-artikoli 382 u sa certu punt l-artikolu 413 (3) tal-Kodici Kriminali flimkien jinkwadraw l-elementi ta' sentenza valida:

> **382. Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**
>
> **413( 3) Meta l-imputat jew il-kwerelat jigi illiberat ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu 1((b) (iv), (v) u (vi), il-qorti fis-sentenza ghandha ssemmi bic-car din ir-raguni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullita' tkun taghti jedd ta' appell lill-Avukat Generali, u, fil-kazijiet msemmija fl-artikolu 373, lill-kwerelant.**

6. Fis-sentenza hawn skrutinata, il-Qorti ma qalitx b'mod car jekk kienitx qed tillibera lill-imputat minn wahda jew uhud mill-imputazzjonijiet u anqas ma qalet jekk kienitx qed issib lill-imputat hati ta' wahda jew izjed mill-imputazzjonijiet. Id-dikjarazzjoni li qed issibu responsabbli ma tissodisfax ir-rekwizit tal-ligi u decizzjoni tali hija fil-mansjoni tal-Qorti Civili u mhux ta' dik ta' kompetenza kriminali. Dan ir-rekwizit qieghed hemm ghal diversi ragunijiet, fosthom li l-imputat irid ikun jaf fic-cert il-qaghda tieghu wara li jkun ghadda mill-process kriminali; fil-fedina penali tieghu jista' possibilment jitnizzel li instab hati meta hu fehem li kien illiberat filwaqt li jkun ddekada mit-terminu taz-zmien tal-appell meta jinduna b'dan; u diversi ragunjiet ohra;

7. Id-decizzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bonsfield** 327/2006 tas-27 t'April 2006 tigbor fiha uhud minn dawn il-hsibijiet, ghadha relevanti u abbracjata minn din il-Qorti fl-intier taghha:

**Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe' li minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jidher car illi hemm mankanti d-dikjarazzjoni ta' htija mill-Qorti. Dan iqajjem diffikulta' procedurali peress illi dikjarazzjoni ta' piena minghajr dikjarazzjoni ta' htija tista thalli rizultat ineffetiv u inkonkluziv. Isegwi li meta l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija minghajr id-dikjarazzjoni ta' htija, jemergi stat ta' fatt illi ma jsegwix wiehed minghajr l-iehor. Hu veru illi wiehed jargumenta illi la giet inflitta piena allura per forza l-Ewwel Qorti sabitu hati, pero' din hija inferenza li tista' ma tkun xejn desiderabbli mil-lat ta' procedura. Hu pacifiku kemm skond il-gurisprudenza nostrana u sew bhala punt ta' dritt illi sentenza ghandha fil-kamp penali tindika dikjarazzjoni dwar il-htija. Dan igib mieghu in-nullita' tas-sentenza u b'hekk issegwi nullita tal-procedura intiera. Sentenza hija l-vuci u l-fini tal-process kollu. Hija r-regina ta' kull procedura. Nullita' tas-sentenza ghalhekk iggib maghha nullita' tal-process intier, b'hekk li una volta ikun akkolt dan l-aggravju, l-appellant ghandu jitpogga fil-posizzjoni li kien fiha meta tressaq b'citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ossia fil-posizzjoni li kien fiha meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja.**

8. Illi fis-sentenzi ta' din il-Qorti Il-**Pulizija vs Carmel Attard** (400/06 - 6 ta' Gunju 2007), **Il-Pulizija vs Robert Farrugia** (357/14 – 19 ta' Novembru, 2015) u **Il-Pulizija vs Philip Zahra** (348/15 – 28 ta' Settembru, 2017) kienet ritenuta nulla s-sentenza meta l-Qorti tonqos milli tippronunzja ruhha dwar wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet. *Multo magis* allura meta bhal fil-kaz odjern il-Qorti tonqos milli tiddikjara htija jew liberazzjoni fuq sitt imputazzjonijiet u tghaddi biex tikkomina l-piena. Ghal dawn ir-ragunijiet s-sentenza tal-ewwel Qorti qed tkun dikjarata nulla u bla effett konsegwenza ta' nuqqas ta' osservanza ta' formalita' essenzjali;

9. Issa, kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Giardina** (App. Krim 72/2016 tal-25 ta' Frar, 2019), in-nullita' ta' sentenza, meta dikjarata minn din-Qorti, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi

biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita'; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*" u sakemm dan ikun possibbli tenut ic-cirkostanzi partiklari tal-kaz. It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

10. Applikat dan kollu ghall-kaz odjern, din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid la darba l-atti huma kompilati inkluz ir-registrazzjoni tax-xhieda. La darba ma kienx hemm liberatorja fuq wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet il-Qorti ser titratta kull wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat;

Ikkunsidrat:

11. Illi l-kwisjtoni rivolta quddiem din il-Qorti dwar jekk l-imputat ghandux jinstab hati tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija dipendenti minn zewg deposizzjonijiet kontrastanti ghall-xulxin u provi indizjarji ohra. Id-deposizzjoni sia tal-parte civile kif ukoll dik tal-imputat moghtija volontarjament kienet registrata mill-ewwel Qorti fl-udenjza tal-4 ta' Gunju 2018 u qed tkun hawn riprodotta *verbatim*;

12. **Giovanni Bonano** : "It was the 9th of January, 2018 he was going to work it was 5.30am in the morning, he was on a motorbike, it was dark. He was driving from Mosta to Qormi, the other vehicle was coming towards me from Qormi to Msida, the other person was driving a Jeep and the other vehicle made a u turn. It was sudden so the witness couldn't brake. The witness had a fracture on his shoulder for a month on his left shoulder. The witness was shocked. The witness was driving a beverly 400 CC. He had the lights on on his motorcycle. It was two/three meters in front of him when the other vehicle did the U turn. The road was a continuous line. No indication was made from the other vehicle. Cross examination. The witness was driving 50 km/hr on a slippery road. The witness was on the road. No car was in front of him or to the side. About one month later went to work again";

13. **L-imputat**: "Kien tiela' minn Haz-Zebbug, xeghel normali l-indicator, ceditlu karozza u l-mutur baqa' dieherl go fih. IL-mutur zamm il-brake. L-akkuzat kien miexi b"5 kilometers. Kien dahal u pparkja. Ghandu hsarat fil-bieba. Il-mutur kien ghaddej minn gewwa. Ra jekk ghandux bzonn xi haga tal-mutur, ghamillu cafe u gew il-Pulizija. Il-mutur kien miexi bi 60/70 kilometers u kienet niezla hafna nida. Il-parti ta' wara ta' t-trakk kien fit-triq. Kontro ezami. Ma setax jarah il-mutur ghax kien gej minn naha ta' gewwa. Ix-xhud kien qed isuq Jeep. Il-Jeep gholja zewg piedi mill-art. Xeghel l-indicator. Ix-xhud ma pprezentax il-footage ghax ma talbuhx il-footage ta' l-incident. IL-jeep hija left hand drive. Qasam linja bajda maqsuma. Jahseb maqsuma kienet dak in-nhar il-linja bajda"

14. **PS 1585 James Weatherill** xehed permezz ta' affidavit u ddikjara illi fid-9 ta' Jannar 2018 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu kien infurmat mill-Control Room illi kienet sehhet kollizzjoni fi Triq l-Imdina Haz-Zebbug u kien hemm persuna

feruta. Fuq il-post sab mutur b'daqqa fuq quddiem pparkjat mal-genb tat-triq u vettura tal-ghamla Jeep b'daqqa vizibbli fuq il-bieba tax-xellug ukoll pparkjata mal-genb tat-triq. Qal ukoll illi peress illi dawn il-vetturi tnehhew minn kif kienu wara l-impatt ma setghax jaghmel skizz. L-art kienet imxarrba bin-nida. Meta kellem lis-sewwieq tal-mutur qallu li waqt li kien qed isuq ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta u f'daqqa wahda daret ghal-fuq il-lane tieghu billi ghamel U-Turn, waqfet quddiem garage bl-isem LK Limited u baqa' diehel go fiha ghaliex hasditu. Is-sewwieq tal-Jeep qallu li waqt li kien wieqaf u pparkjat lagenba quddiem ix-xatba tal-garage tieghu sabiex jiftah il-garage, f'daqqa wahda ra mutur gej li baqa' diehel go fih;

15. Mill-provi akkolti u tenut id-divergenza bejn iz-zewg verzjonijiet tal-partijiet huma l-provi indizzjarji li jistghu jkunu ta' ghajnuna sabiex din il-Qorti tiddeciedi min mill-partijiet qed jghid il-verita'. U minghajr ebda ezitazzjoni hija dik tal-parte civile li ghandha mis-sewwa ghaliex dak li qal l-imputat xejn ma hu konsonantanti mal-kumpless tal-provi. L-imputat kien qed jaghmel manuvra ta' U-Turn, invada l-kareggjata tal-parte civile li ma setax jevitah u bil-mutur tieghu baqa' diehel fil-vettura tal-imputat. Din hija r-raguni ghaliex il-hsara fil-vettura tal-imputat hi fil-bieba tax-xellug tal-Jeep tieghu;

16. Il-Qorti ser tiehu konjizzjoni tad-deposizzjoni tal-imputat minnu moghtija volontarjament quddiem l-ewwel Qorti u mhux dik li ta lis-Surgent tal-Pulizija li acceda fuq il-post. L-imputat *ex admissis* jghid li verament ghamel U-Turn izda kien dahal u pparkja [fil-garage tieghu]. Issa, jekk dahal fil-garage tieghu, l-imputat ma jistghax jitwemmen meta jghid lis-sewwieq tal-mutur irnexxielu jibqa' diehel fil-bieba tax-xellug li hija d-direzzjoni li minnha kien gej il-parte civile. Lanqas ma jista' jitwemmen meta jghid hekk ghaliex altrimenti ma kien hemm l-ebda raguni li jcaqlaqlu l-vettura wara l-habta. Jekk il-mutur dahal fil-bieba

tal-Jeep u jekk il-Jeep kien fil-garage (bin-nofs ta' wara tieghu fuq barra, allura nofsu fit-triq), allura seta' baqa' kollox kif kien sakemm taccedi l-Pulizija, bil-mutur logikament mwahhal mal-bieba tal-vettura tal-imputat fl-istess garage. Gara izda, li meta l-Pulizija accediet fuq il-post, sabet iz-zewg vetturi pparkeggjati;

17. L-imputat jghid li seta' jaghmel il-manuvra ta' U-Turn ghaliex it-triq hija diviza b'linja bajda maqsuma. Fl-istess nifs jghid li jahseb li dakinhar kienet linja bajda maqsuma. Il-parte civile jallega li l-linja kienet wahda kontinwa. L-okkorrenza esebita mis-surgent, izda, tindika b'mod inkonfutabbli illi t-triq hi maghmula minn zewg karreggjati divizi b'linja kontinwa. U hawnhekk il-Qorti tikkondividi l-istess thassib li vventilat l-ewwel Qorti qabilha fin-nuqqas ta' redazzjoni ta' skizz da parti tal-pulizija. Anke jekk il-vetturi kienu spustati wara l-habta, il-konfigurazzjoni tat-triq, linji u senjalatika huma indispensabbli ghar-rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet bhal dik odjerna. Izzid ma' dan it-thassib ukoll il-fatt illi l-imputat stess ddikjara illi kien hemm CCTV footage tal-incident izda hadd ma talabulu u hawnhekk il-Pulizija trid tispjega kif haga elimentari bhal din u daqstant ta' htiega ghaddiet inosservata;

18. Il-Qorti tista' tiehu *judicial notice* ta' fatturi komunement mgharufa dwar is-sit tal-incident li sehh f'Mdina Road, Zebbug allura x'imkien bejn ir-*roundabout* ta' bejn il-Kullegg ta' Saint Dorothy u r-*roundabout* qabel id-dahla ta' Haz Zebbug. L-imputat, li kellu l-facilita' li jibqa' jipprocedi lejn ir-*roundabout* l-ewwel imsemmija ghazel illi jaghmel manuvra ferm u ferm azzardata sabiex minn kareggjata bi trafikku direttament oppost, jaqsam it-triq u jaccedi ghall-garage li jghid li kien gia dahal fih. Jidher li l-imputat ra lill-parte civile gej b'velocita' ta' 60/70 kfs fi triq mxarrba bin-nida u l-vettura tal-imputat tinsaq minn fuq ix-xellug, minn fejn kien gej il-parte civile;

19. L-imputat huwa allegat li saq b'manjiera perikoluza, traskurata, bla kont u b'nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku. Manjieri ta' sewqan fi gradi differenti dan li wisq drabi mhux necessarjament jirravviza il-wahda jew l-ohra. Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** (Koll Vol.LXXXI. 1997 Pt.IV pp 157) fejn il-Qorti fissret b'mod konciz dak li jista' jammonta ghal-sewqan traskurat, bla kont jew perikoluz:

> "**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammontaw wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riski fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta'

konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' seqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoiluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)".

20. Il-manuvra intrapriza mill-imputat fi triq principali u traffikuza hija wahda azzardata ferm u maghmula b'kapricc semplicement ghaliex hekk konvenjenti ghalih sabiex jaccedi ghall-garage tieghu minflok ma jipprocedi ftit aktar 'l fuq u jaghmel uzu mir-*roundabout* meta kien projbit li jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq stante linja kontinwa. Kawza ta' din il-manuvra, l-parte civile sab lill-imputat ma' wiccu b'mod inaspettat ghaliex ma hux mistenni li fi triq ta' dan il-grad sewwieq isib quddiemu vettura li qed taghmel U-Turn;

21. Is-sewqan tal-imputat jaghmel mit-tlett tipi ta' sewqan kif appena elenkat u ghalhekk filwaqt li ser jinsab hati taghhom ser tkun applikata fil-konfront tieghu d-dottrina tal-konkors tar-reati;

22. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet kwantu l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni, la darba pruvat mill-prosekuzzjoni illi kawza tas-sewqan tal-imputat l-parte civile sofriet hsarat fil-proprjeta' taghha konsistenti fi hsara fil-mutur minnu misjuq, qed tinsab ukoll htija fir-raba' imputazzjoni;

23. L-istess , izda, ma jistghax jinghad dwar il-hames imputazzjoni ghaliex l-allegata offiza ta' natura gravi subita mill-parte civile ma kienitx sufficjentement pruvata. Minkejja li kien esebit certifikat mediku li juri li l-parte civile sofra "acromion process fracture" u xehed li kellu ksur fl-ispalla, l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tinnotifika lit-tabib li rillaxxjat dan ic-certifikat u l-Qorti hi tal-fehma li offiza ta' din in-natura tehtieg li tkun debitament pruvata;

24. Jifdal ghalhekk is-sitt imputazzjoni li ghalhekk jirrizulta li l-manuvra tal-imputat tammonta ghall-U-Turn, ma kienx pruvat li hemm sinjal li jipprojbixxi dik il-manuvra f'dik it-triq fit-termini tar-Regolament 2 tal-Iskeda tal-LS 65.05, Taqsima II Reg A(b), u la darba hu imputat b'dan il-fatt specifiku, ma tistax tinstab htija in rigward ghar-raguni appena moghtija;

25. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi qed issib lill-imputat mhux hati tal-hames imputazzjoni u s-sitt imputazzjoni qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet;

26. Wara li rat l-artikoli, 15(1)(a)(2) tal-kapitolu 65 u 17(h) 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, u wara li tqis illi it-tieni u t-tielet imputazzjoni huma komprizi fl-ewwel wahda, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt ewuro (€500) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum.